MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Numru 12/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Farhat Bouchhioua**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 12 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Farhat Bouchhioua, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi Farhat Bouchhioua kellu kustjonijiet ma' Joseph Magro dwar xi hlasijiet li dan kellu jaghtih fuq xoghol li kien ghamel. Illi din il-kustjoni kienet ilha tkarkar tant li l-akkuzat sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji. Illi fit-tlettax (13) ta' Mejju, elfejn u hamsa (2005) Farhat Bouchhioua, fl-Imsida ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (8.30 a.m.), iddecieda li joqtol lil Joseph Magro billi saq b'sahha kbira l-vettura tieghu fid-direzzjoni ta' Joseph Magro w dan bil-hsieb li joqtlu jew iqeghdlu hajtu f'periklu car. Illi fortunatament hu ma rrnexxilux joqtol lil Joseph Magro

minhabba cirkostanzi accidentali peress, fost affarijiet ohra, habat ma hajt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Farhat Bouchhioua sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Farhat Bouchhioua hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'seba (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra, sabu lill-akkuzat mhux hati ta' l-uniku Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hati ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Magro.

Tiddikjara ghalhekk lil Farhat Bouchhioua mhux hati skond l-Ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hati ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Magro fit-13 ta' Mejju, 2005, fl-Imsida, ghall-habta tat-8.30 a.m.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta’ Charles Scerri w Youssef Aramanyous dwar il-piena.

Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. R. Montalto, li jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess.

Qieset dak li qalet l-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant illi jinsabu kollha registrati w jistghu jigu verifikati mat-traskrizzjoni.

A skanz li kull motivazzjoni taghha ulterjuri tkun tista’ tigi mizinterpretata, tghaddi biex, wara li rat l-artikoli 31(1)(b)(viii)(ix)(x)(xiii)(xiv)(c), 41(1)(a), 214, 215, 216 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-hati Farhat Bouchhioua ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija, b’dana li tordna li din is-sentenza m’ghandix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ snin mil-lum il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija w dana skond l-artikolu 28A(1) tal-Kap. 9. Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-istess Kap. 9, qed taghti direttiva li tobbliga lill-hati li jhallas lil Joseph Magro fi zmien xahar mil-lum somma ta’ seba’ mitt Euro (€700) bhala kumpens ghal dak it-telf li huwa sofra mhabba l-offiza li saret fuqu w dana bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet jew ta’ xi persuna ohra li jkollha interess li johorgu mill-likwidazzjoni finali tal-ammont dovut, jekk ikun il-kaz, kif jista’ jigi eventwalment miftiehem jew deciz f’kawza civili jew b’kull mod iehor permess mill-ligi. Jekk dan il-hlas ma jsirx u dan il-fatt jingib a konjizzjoni ta’ din il-Qorti skond l-artikolu 28H(4)(5)(6), din il-Qorti tirrizerva li tordna li s-sentenza sospiza tibda ssehh.

Inoltre l-Qorti tikkundanna l-hati li jhallas l-ammont ta’ erbghin Euro (€40) tal-ispejjes peritali inkorsi f’din il-kawza.

Il-Qorti qed tispjega lill-hati l-obbligazzjonijiet tieghu skond l-artikolu 28A, 28B u 28H tal-Kodici Kriminali.

Finalment tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28A(8).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------